



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2010/2277(INI)

1.3.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar Suq Uniku għall-Impriżi u t-Tkabbir
(2010/2277(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Francesco De Angelis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi r-rwol tal-istandards tal-prodotti għall-funzjonament tas-suq intern Ewropew u jqis l-istandards bħala għodda essenzjali għall-promozzjoni ta' prodotti u servizzi sostenibbli u ta' kwalità għolja għall-konsumaturi u l-impriżi; jilqa' l-proposta għar-riforma tas-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni u jitlob għal miżuri li jippromwovu t-trasparenza, it-tnaqqis fl-ispejjeż u t-titjib fl-involviment tal-partijiet interessati;
2. Jinnota li, bil-għan li jkun żgurat il-funzjonament effiċjenti tas-suq uniku, il-proċess ta' valutazzjoni reċiproka tad-Direttiva dwar is-Servizzi jista' jittejjeb aktar, b'mod partikolari permezz ta' kondivizzjoni pronta tad-dejta; jitlob li jkun hemm valutazzjoni tal-impatt tad-direttiva fuq il-kwalità tas-servizzi u l-valutazzjoni tal-ispazju għal manuvra li d-direttiva tħalli lill-awtoritajiet pubbliċi jintroduċu r-rekwiżiti ta' interess pubbliku għall-fornituri tas-servizzi; jemmen li l-piżijiet burokratiċi mhux neċessarji li hemm bħalissa f'livell nazzjonali, reġjonali, u lokali, jipprevjenu l-implimentazzjoni tar-regoli ġenerali għall-Istati Membri kollha;
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-diversità tal-mudelli tan-negozju fl-Ewropa meta jfasslu l-leġiżlazzjoni; jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tan-negozji tal-ekonomija soċjali, li l-mudell tagħhom mhuwiex ibbażat fuq il-kobor jew fuq żona ta' attività, iżda pjuttost fuq ir-rispett għall-valuri komuni, kif rifless fl-involviment tas-sħab soċjali, il-primat tal-individwu u l-oġettivi soċjali fuq il-kapital, is-salvagwardja u l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u responsabilità, ir-rikonċiljazzjoni tal-interessi tal-utenti mal-interess ġenerali, is-sħubija volontarja u miftuħa u l-mobilizzazzjoni tal-parti l-kbira tal-eċċessi fil-persegwiment tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli u l-forniment ta' servizzi lill-membri, filwaqt li kull azzjoni tqis l-interess ġenerali;
4. Jisħaq dwar l-imperattiv li tkun addottata politika ta' standardizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) tal-UE għall-iżviluppi fis-suq u fil-politiki li twassal għall-kisba tal-oġettivi tal-politiki Ewropej li jirrikjedu l-interoperabilità; iqis li l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku fis-suq intern għandu jiffoka primarjament fuq il-problemi ta' natura legali li jħabbtu wiċċhom magħhom kemm in-negozji kemm il-konsumaturi, billi tingħata attenzjoni partikolari lill-kummerċ bejn il-fruntieri u fl-istess waqt ikun iggarantit livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur; jenfasizza li għandhom jitqiesu partikolarment il-ħtiġiet ta' impriżi żgħar u medji, li ma jkunux prinċipalment impenjati fil-kummerċ fuq l-Internet;
5. Itenni li l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni fi ħdan is-suq intern jelimina r-rekwiżit impost fuq nazzjonali ta' Stat Membru ieħor biex jipprovdu dokumenti oriġinali, kopji ċċertifikati, ċertifikat tan-nazzjonalità jew traduzzjonijiet uffiċjali ta' dokumenti sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn servizz jew minn termini jew prezzijiet iktar vantaġġużi;
6. Huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha żżid l-isforzi tagħha fis-setturi tal-klima u l-

enerġija sabiex tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' suq tal-enerġija li jopera bis-sħiħ filwaqt li jintlaqgħu sfidi futuri tal-enerġija; jemmen li, biex jinkisbu l-oġġettivi klimatiċi u enerġetiċi tal-UE, huwa meħtieġ approċċ ġdid, f'termini ta' applikazzjoni ta' rati minimi adegwati ta' dazju fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ u fuq il-kontenut tal-enerġija u tal-evitar ta' sovrappożizzjonijiet mal-kwoti tal-kummerċ fil-kwoti; jenfasizza l-importanza li jkunu inkuraġġiti l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jisfruttaw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fl-effiċjenza enerġetika tagħhom u jemmen li din l-applikazzjoni żżid b'mod sinifikattiv l-oportunitajiet ta' kummerċ fil-livell lokali u reġjonali;

7. Jindika l-ħtieġa ta' aktar pjanijiet u miżuri għall-effiċjenza fl-enerġija ħalli jiżdied b'mod sinifikattiv l-iffrankar enerġetiku, u jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar it-tikkettar tal-enerġija, l-ekodisinn, it-trasporti, il-binjiet u l-infrastrutturi, ħalli jkun żgurat u implimentat approċċ ta' qafas komuni Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni biex b'mod simili tadotta approċċ ambizzjuż fl-Istrateġija għall-Effiċjenza fl-Enerġija li jmiss fir-rigward tal-oġġettivi, il-politiki u l-istrumenti tagħha; jenfasizza li l-infrastruttura tal-Lvant tal-Ewropa għandha tittejjeb b'konformità mal-infrastruttura tal-Istati Membri Ewropej l-oħrajn;
8. Jilqa' l-proposta li jiġi rieżaminat l-Att dwar in-Negożji ż-Żgħar ħalli jkun marbut mill-qrib mal-Istrateġija Ewropa 2020 u jistieden lill-Kummissjoni tqis kif xieraq ir-rwol kruċjali tal-SMEs u l-mikro-negożji fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni taċċelera l-konnessjonijiet tal-broadband b'veloċità għolja fir-reġjuni tal-UE biex tiżgura parteċipazzjoni massima tal-SMEs f'suq intern kulma jmur aktar diġitalizzat; jitlob li jkun hemm sistema tal-UE ta' privativi li tkun faċli li tintuża mill-SMEs, tkun orjentata lejn il-kwalità u tkun flessibbli u li tinkoraġġixxi l-innovazzjoni teknoloġika u li jfifgħu mudelli ġodda ta' negożju; jilqa' l-proposta li jiġi adottat pjan ta' azzjoni għall-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-kapital, bħalma huma l-Eurobonds, u jitlob għall-promozzjoni ta' mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament immirati lejn SMEs innovattivi; jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni għall-immodernizzar tas-sistema tal-UE tat-taxxa fuq il-valur miżjud, billi tingaħta attenzjoni partikolari lis-semplifikazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw lill-SMEs u r-riduzzjoni tal-kostijiet tal-ottemperanza; jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tal-proposti tal-Grupp ta' Livell Għoli għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi;
9. Jafferma mill-ġdid li d-dritt li wieħed jeżerċita professjoni fi Stat Membru ieħor huwa wieħed mil-libertajiet fundamentali garantit mit-Trattat u kundizzjoni neċessarja għal ekonomija tas-suq soċjali b'kompetizzjoni qawwija, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jneħħu l-ostakli kollha eżistenti għall-moviment ħieles tal-ħaddiema;
10. Jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tikseb awtonomija isħaħ fil-fornitura enerġetika; jemmen li approċċ ta' raggruppament reġjonali fil-kuntest tas-suq intern tal-enerġija għandu jiffaċilita din l-awtonomija, kif wieħed jistenna li tagħmel id-diversifikazzjoni tar-rotot enerġetiċi fil-pajjiżi Ewropej; barra minhekk, jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb l-integrazzjoni tal-enerġiji rinnovabbli u jišhaq dwar il-ħtieġa li l-ismart grids ikunu aktar effiċjenti; huwa wkoll tal-fehma li l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandha ssir aktar effiċjenti u trasparenti;
11. Jišhaq dwar il-ħtieġa għal kordinament u armonizzazzjoni isħaħ fl-użu tar-Radio

Spectrum Ewropew u jittama li l-iSpectrum jintuża b' mod aktar effettiv sabiex jonqsu l-prezzijiet għall-utenti finali;

12. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jissaħħa id-djalogu mas-soċjetà ċivili billi jsiru konsultazzjonijiet; jinnota. madankollu, li bosta mill-istrumenti meħtieġa huma disponibbli diġà, peress li dan huwa pass li l-Kummissjoni impenjat ruħha għalih f'it żmien ilu, fil-qafas tal-Linji Gwida tal-Evalwazzjoni tal-Impatt, bil-ħsieb li jkunu previsti b'aktar preċiżjoni l-effetti tal-proposti leġiżlattivi minn diversi perspettivi; jenfasizza għal darb'oħra kemm huwa importanti li l-istituzzjonijiet tal-UE jikkonsultaw il-partijiet interessati, sabiex minn naħa waħda jintuża l-għarfien speċjalizzat tagħhom u min-naħa l-oħra tkun iggarantita t-trasparenza tal-attivitijiet tagħhom filwaqt li jiġi aċċertat li l-pubbliku jaċċettahom;
13. Jilqa' l-inizjattiva dwar impronta ambjentali tal-prodotti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi malajr sistema ta' valutazzjoni u tikkettar komuni u reali;
14. Jirrikonoxxi li l-akkwist pubbliku huwa strument b'saħħtu biex is-swieq jiġu diretti lejn prodotti u servizzi sostenibbli u biex tiġi stimolata l-innovazzjoni; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirvedu u tissimplifika r-regoli tal-akkwist pubbliku u jenfasizza li dan il-proċess ma għandux ipoġġi taħt theddida, iżda pjuttost għandha ssaħħa, il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jinkludu kriterji ta' interess ġenerali, bħall-kriterji ambjentali u soċjali fis-sejħiet għall-offerti tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	28.2.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Edit Herczog, Romana Jordan Cizelj, Arturs Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Herbert Reul, Paul Rübig, Amalia Sartori, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, Francesco De Angelis, Françoise Grossetête, Jolanta Emilia Hibner, Ivailo Kalfin, Mario Pirillo, Catherine Trautmann
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Niccolò Rinaldi